# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAT-30 TA' NOVEMBRU, 2021

**Kawża Numru: 13**

**Rik. Ġur. 495/2019 RGM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C3177)**

**Vs.**

1. **Total company Limited**
   **(C48838)**

2. **Gerald Attard (K.I. 116080M)**

3. **Romina Attard (K.I. 443283M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat tal-bank attur HSBC Bank Malta p.l.c.** ippreżentat fit-22 ta' Mejju 2019 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi fis-sena 2010, il-kumpannija konvenuta Total Company Limited kienet ingħatat faċilitajiet bankarji konsistenti f'*overdraft;*

2. Illi nonostante li mis-sena 2013 il-kumpanija konvenuta bdiet tiġi finanzjata minn Bank ieħor, fis-sena 2016 ġibdet minn dan il-kont, li kien għadu attiv, l-ammont massimu li kien offrut fuq din il-faċilità ta' *overdraft,* u ċioè s-somma ta' sebgħa u erbgħin elf, disa' mija u tnax-il ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€47,912.23);

3. Illi fuq dan il-kont il-kumpanija konvenuta għamlet biss depositu wieħed fis-sena 2017 li mar biex qatel parti mill-imgħax dovut, u dan kif jirriżulta mill-i*statement* anness bħala Dok A.

4. Illi l-konvenuti Gerald Attard u Romina Attard kienu intrabtu bħala garanti personali *in solidum* bejniethom u mal-kumpanija debitriċi prinċipali Total Company Limited għall-ammont globali ta' ħamsa u disgħin elf ewro (€95,000) u dan kif jirriżulta miż-żewġ garanziji bankarji separati hawn annessi bħala Dok B u Dok C li għadhom viġenti sallum;

5. Illi fuq din il-faċilità ta' *overdraft*, għalhekk, il-kumpanija konvenuta bħala debitriċi prinċipali, kif ukoll Gerald u Romina Attard bħala garanti solidali, huma debituri tal-Bank attur fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf, erba' mija u tlett ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€55,403.58), dovuta in kwantu għal sebgħa u erbgħin elf, disa' mija u tnax-il ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€47,912.23) bħala kapital, u r-rimanenti sebat elef, erba' mija u wieħed u disgħin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€7,491.35) bħala imgħax ikkalkulat sat-12 ta' Frar 2019 (Dok. A), oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-13 ta' Frar 2019 sad-data tal-pagament effettiv;

6. Illi l-konvenuti, għalkemm interpellati biex iħallsu l-ammont fuq indikat, anki permezz ta'żewġ ittri uffiċjali it-tnejn datati 2 ta' Settembru

2016, waħda kontra l-kumpanija debitriċi prinċipali, u l-oħra kontra l-garanti, (Dok. D u Dok E) ilkoll baqgħu inadempjenti;

Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:

(i) Tiddikjara li l-kumpanija konvenuta Total Company Limited hija debitriċi fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf, erba' mija u tlett ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€55,403.58), dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-13 ta' Frar 2019 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Tiddikjara li l-konvenuti Gerald Attard u Romina Attard huma debituri tal-Bank attur bħala garanti solidali mal-kumpanija Total Company Limited u bejniethom fl-istess somma ta' ħamsa u ħamsin elf, erba' mija u tlett ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€55,403.58) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-13 ta' Frar 2019 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(iii) Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta debitriċi prinċipali Total Company Limited u l-garanti Gerald Attard u Romina Attard iħallsu lill-Bank attur solidament bejniethom l-imsemmija s-somma ta' ħamsa u ħamsin elf, erba' mija u tlett ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€55,403.58) bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mit-13 ta' Frar 2019 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk taż-żewġ ittri uffiċjali, it-tnejn datati 2 ta' Settembru 2016 u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-**Risposta Ġuramentata tal-konvenuti Total Company Limited, Gerald Attard u Romina Attard** preżentata f-d-9 ta' Settembru, 2019, fejn jinghad kif gej:

1. Illi preliminarjament, l-esponenti hawn konvenuti jiddikjaraw illi huma debituri tal-Bank attur:

2. Illi pero` l-esponenti qeghdin jikkontestaw l-ammont mitlub mill-Bank HSBC Bank Malta p.l.c.

3. Illi ricentement, l-esponenti kienu qeghdin fi trattattivi mal-attur sabiex jintlahaq ftehim sabiex jithallas l-ammont dovut lill-istess Bank kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

4. Illi fil-fatt, l-esponenti infurmaw lill-Bank li sa' l-ahhar ta' din is-sena, u cioe` s-sena 2019, huma ser ikun qeghdin ihallsu lill-Bank is-somma t' hmistax -il elf Ewro (€15,000) versu d-dejn li huma ghandhom pendenti ma' l-istess Bank.

5. Illi huwa minnu li kien hemm perjodu fejn l-esponenti ma vversaw ebda flejjes lejn id-dejn ezistenti mal-Bank, izda dan kien minhabba fi problemi finanzjarji li kellhom kemm is-socjeta` konvenuta kif ukoll Gerald u Romina konjugi Attard fil-vesti taghhom personali u dan kif ser ikun ppruvat waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez.

Semgħat ix-xhieda mressqa mill-partijiet.

Rat il-provi dokumentarji kollha preżentati.

Rat illi l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Il-mertu tal-kawża odjerna jirrigwarda talba għall-kanonizzazzjoni ta' kreditu konsistenti f'ammont li l-bank attur kien silef lis-soċjeta' attriċi filwaqt li l-konvenuti Attard daħlu bħala garanti solidali.

Jirriżulta sodisfaċentement illi fis-sena 2010 is-soċjeta' konvenuta kienet ingħatat mill-bank attur faċilita' ta' overdraft. Fit-12 ta' April 2010 il-konvenuti Attard iffirmaw garanzija bankarja a favur il-bank attur fejn daħlu garanti solidali mad-debitur prinċipali sas-somma ta' tmenin elf ewro (€80,000). Fit-23 ta' Awissu 2011 l-istess konvenuti Attard iffirmaw garanzija addizjonali favur il-bank għas-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000).

Fis-sena 2016 is-soċjeta' konvenuta ġibdet is-somma ta' sebgħa u erbgħin elf, disa' mija u tnax-il ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€47,912.23) mill-kont overdraft tagħha mal-bank attur.

Skond prospett ezeżbit u mhux kontestat jirriżulta li sallum ma tħallas xejn lura mill-kapital filwaqt li pagamenti akkont li saru anke fil-mori tal-kawża ħallsu parti mill-imgħax li ddekorra.

Skond l-aħħar prospett aġġornat preżentat mill-bank attur fis-16 ta' Lulju 2021 jirriżulta li l-konvenuti huma debituri tal-bank attur fis-somma ta' ebgħa u erbgħin elf, disa' mija u tnax-il ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€47,912.23) rappreżentanti l-kapital, oltre sebat elef, ħames mija u tnejn u erbgħin ewro u disa' u sittin ċenteżmu

(€7,542.69) bilanċ tal-imgħax dekors sas-6 ta’ Lulju 2021 tenut kont il-pagamenti akkont li saru inkluż fil-mori tal-kawża.

Il-konvenuti, filwaqt li jaqblu li huma debituri tal-bank attur jispjegaw illi ma kienux onoraw il-ħlasijiet lura għaliex kienu iltaqgħu ma diffikultajiet finanzjarji. Għalkemm tali difiża m’għandiex fondament legali sabiex id-dejn dovut lill-bank ma jitħallasx; fl-istess ħin il-Qorti tinnota li għalkemm il-konvenuta Romina Attard in kontro-eżami xhedet illi żewgħa kellu diversi konvenji u li wħud waslu sabiex jiġi ppubblikat il-kuntratt finali; l-ebda dettalji ma tat sabiex tissostanzja l-allegazzjoni tal-konvenuti li ma ħallsux għaliex kellhom problemi finanzjarji.

Wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-provi kollha mressqa ma tqisx illi hemm raġuni valida għaliex il-konvenuti m’għandhomx jiġu kkundannati jħallsu l-ammont reklamat mill-bank, tenut kont il-pagamenti li saru fil-mori tal-kawża, dovut mis-soċjeta’ konvenuta bħala d-debitur prinċipali u mill-konvenuti Attard bħala garanti solidali.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti;

2. Tilqa’ l-ewwel talba, tiddikjara li l-kumpanija konvenuta Total Company Limited hija debitriċi fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta’ ħamsa u ħamsin elf, erba’ mija u tlett ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€55,403.58), dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mis-6 ta’ Lulju 2021 sad-data tal-pagament effettiv;

3. Tilqa’ t-tieni talba, tiddikjara li l-konvenuti Gerald Attard u Romina Attard huma debituri tal-Bank attur bħala garanti solidali mal-kumpanija

Total Company Limited u bejniethom fl-istess somma ta' ħamsa u ħamsin elf, erba' mija u tlett ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€55,403.58), dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mis-6 ta' Lulju 2021 sad-data tal-pagament effettiv;

4. Tilqa' t-tielet talba, tikkundanna lill-kumpannija konvenuta debitriċi prinċipali Total Company Limited u l-garanti Gerald Attard u Romina Attard iħallsu lill-Bank attur solidament bejniethom l-imsemmija s-somma ta' ħamsa u ħamsin elf, erba' mija u tlett ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€55,403.58) bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mis-6 ta' Lulju 2021 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inkluż dawk taż-żewġ ittri uffiċjali t-tnejn datati 2 ta' Settembru 2016 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment mal-kawża.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta' Novembru 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**